*Sensiela informattiva u edukattiva dwar Ta' Sannat*

# sannat... fl-imgħoddi

*riċerka, kitba u ritratti minn*
Dr. Raymond C. Xerri
B.A.(Hons.)(U.S.A.), E.U.Sch.(E.U.Law)(F.R.G.), D.D.S., M.A.(Dip.St.)(Malta), L.F.I.B.A.(U.K.), D.G.(U.S.A.), Ph.D. (Australia)



# L-UŻU TAL-ĦALL FIL-ĦAJJA TAS-SANNATIN TAL-IMGĦODDI

Minn xiex hu magħmul il-ħall? Il-ħall għalxiex jista' jintuża? Illum nafu li l-aktar li nużawh hu fuq xi ftit ħaxix jew kif insejħulu llum salad. Pero' dan il-likwidu komuni li ssibu faċilment għall-bejgħ u rħis, huwa mimli tjubija għall-użu ta' kuljum f'kull aspett tal-ħajja. Il-ħall kien likwidu mportanti fil-ħajja ta' l-imgħoddi, mhux inqas għas-Sannatin.

## Minn fejn jiġi l-ħall?

Il-ħall huwa likwidu aċiduż u qares magħmul mill-imbid, mix-xgħir, mis-sidru permezz ta' fermentazzjoni biex jintuża biex iħawwar l-ikel u għall-immarinar ta' ħxejjex fis-salmura. Dan l-użu komuni tal-ħall li kulħadd jaf bih. Pero' l-ħall jintuża għal ħafna iżjed affarijiet u sitwazzjonijet fil-ħajja ta' kuljum kif ser naraw aktar tard f'dan l-artiklu. F'kotba xi ftit antiki, insibu studju interessanti ta' użu ta' varjetajiet ta' ħall fil-kċina, kif ukoll rimedji tradizzjonali.

## Il-ħall iħares il-ġisem tal-bniedem

Illum imdorrijin immorru għand l-ispiżjar biex nixtru l-mediċina, u llum għadna l-ispiżerija f'Ta' Sannat. Sa ftit snin ilu kellna mmorru raħal ieħor biex nixtru l-mediċina. Sa ftit ta' snin ilu kienu s-Sannatin, min kien jiflaħ iħallas kien ikollu jmur ir-Rabat biex jixtri minn għand spiżjar hemm jew imur għand tabib, ukoll ir-Rabat. Għal grazzja t'Alla illum insibu tobba fir-raħal Ta' Sannat hemm daqs jew iktar minn irħula oħra Għawdxin. Għal ftit ninsew il-kumdità tal-llum u ngħixu ftit fl-imgħoddi. Wara li tkellimt ma' għadd ta' anzjani f'Ta' Sannat, sirt naf kemm kien importanti l-ħall u kemm kien jintuża' fil-ħajja ta' kuljum.

L-aktar kien jintuża biex jitħares il-ġisem tal-bniedem minn mard, u jżomm nadif, primarjament flok il-mediċina u l-kosmediċi ta' illum. Il-ħall għandu sostanzi li jipproteġi l-ġilda, jnaqqas it-tbajja' tax-xjuħija u jnaqqas il-brija mix-xagħar, ġeneralment il-ħall kien jitħallat mal-ilma. Kont taf li l-ħall, fi żmien il-gwerra għen biex ifiequ s-suldati? Minħabba li l-ħall hu diżinfettant, f'kliem ieħor inaddaf, kien jintuża biex inaddaf il-feriti, kien użat bħala duwa għall-feriti fi żmien il-Bibbja tal-Qedem. Il-ħall fl-imgħoddi kien jieħu post ħafna prodotti mediċinali: kien jgħin biex jittaffa l-uġieħ meta jkollok xi ivvelenar mill-ikel; kien jgħin lis-saqajn muġugħa; biex ineħħi l-kallijiet; ineħħi l-uġiegħ meta xi ħadd jingidem miż-żunżan; iwaqqaf is-sulluzzu; jiffriska l-ħruq tal-ġilda tax-xemx u jnaqqas il-ħakk żejjed ħafna drabi mill-brijet.

## Il-Ħall jderi u jaħsel

Il-ħall jgħin biex jitteffa' l-mard. Madwar 400 sena Qabel Kristu, Hippocrates,

ikkunsidrat bħala l-missier tal-mediċina, uża l-ħall biex ifejjaq xi pazjenti tiegħu. Aktar riċenti, ix-xjuħ tagħna jgħidulna li l-ħall jtaffi s-sogħla, itaffi l-griżmejn misluħa u jtaffi l-uġieħ ta' ras.

Joqtol l-infezzjoni. Iva, kien jintuża mal-ilma li fih kienu jaħslu l-ħwejjeġ. Jneħħi t-tbajja' mit-twapet u jassorbi xi rwejjaħ kif ukoll fil-ħasil tal-ħwejjeġ iżomm iżjed il-kulur u jneħħi r-riħa tal-għaraq mill-istess ħwejjeġ.

## L-Użu tal-ħall fil-ħajja moderna

Riċentament, instab li jneħħi tbajja' tal-linka minn fuq il-ħwejjeġ u d-drapp. Jintuża ħafna bħala *polish* għall-għamara antika u xi għamara moderna. Jintuża ukoll biex wieħed jagħmel l-art bil-madum u l-ħġieġ ileqqu. Id-delettanti tal-karozzi tas-snin għoxrin, tlettin u ta' żmien l-aħħar gwerra jużaw il-ħall biex iġibu l-chrome tal-karozzi ileqq daqs li kieku ġdid. L-antenati tagħna kienu jħalltu pjanti ta' kull xorta mal-ħall biex iżżid il-valur mediċinali u għalhekk fejqan għal aktar tipi ta' mard.

## Il-Ħall - prodott magħmul f'Ta' Sannat

Il-ħall kien komuni daqs kemm kien l-imbid f'Ta' Sannat. Fejn kien hemm l-imbid, kellek il-ħall. B'proċess qasir ħafna s-Sannatin ta' dari kienu jagħmlu ħafna ħall u kien imfittex minn kulħadd. Billi kien jintuża għal ħafna skopijiet kif rajna fuq, mhux biss kont isibu f'kull dar iżda' kien jinbiegħ f'irħula oħra. Fil-faqar tagħhom missirijietna għamlu l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi li kellhom. F'Ta' Sannat kellek ħafna għelieqi bid-dwieli, kien isir ħafna imbid u anke ħall. Fost l-itjeb ħall kien jinxtara mill-ħwienet tal-imbid li kienu mifruxa ma' Ta Sannat kollu. Spiċċa żmien li nappreżaw l-imbid li jmur jew isir morr. Morr għaliex sar ħall, b'riħa qawwija ta' fermentazzjoni, riħa li taqsmek kif inħobbu ngħidu, riħa mhux apprezzeta fid-dinja tal-lum. Għalkemm mhix riħa ta' Chanel jew Calvin Klein pero' fl-imgħoddi il-ħall kellu prezz għola mill-fwieħa ta' llum. O żmien ħelu, fejn int?

...§...


# ACCOUNTS
# O LEVEL TUITION

In preparation for Matsec and Edexcel London 2015

Classes to be held once weekly, learning material to be provided and past examination papers are thoroughly covered.
The course is also ideal for Business Studies students interested in sitting for these exams.

**Marilyn Grima** B.Com, B.Accty(Hons.), CPA
**21520612/21523358/99891202**

